MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Numru. 252/1996

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Angelo Baldacchino)**

**Vs**

**Charlot (Carmel) Gauci**
**Michael Saliba**
**Alan Desira**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputati u dan in rigward l-akkuzi talli f'dawn il-Gzejjer matur ix-xahar ta' Dicembru 1994 u Jannar 1995, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b'risoluzzjoni wahda, u dan billi f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga

b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qliegh ta' soma ta' flus li jammontaw ghal aktar minn Lm2,000 bi hsara ta' diversi persuni bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'dawn il-Gzejjer u fl-istess zminijiet meta ma kienux ufficjali pubblici ghamlu falsifikazzjoni ta' dokumenti jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati bi ksur tal-artikolu 189 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan Charlot (Carmel) Gauci, talli f'Hal Qormi fid-9 ta' Jannar 1995 iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 196 u fol 197 tal-atti) u li biha, billi dehrlu li biha tista' tinstab htija (jew htijiet) a bazi tal-istess kumpilazzjoni, taht dawk li hemm mahsub;

Fil-konfront ta' Michael Saliba u Alan Desira biss;
Fl-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 189 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta Charlot (Carmel) Gauci biss;
Fl-Artikoli 110(2), 18, 308, 309, 310, 183, 189 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Iddecieda li jibaghat lill-istess imputati sabiex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali u dan fin-nuqqas ta' opposizzjoni daparti tal-istess imputati prevju, pero, li tisma' l-ahhar provi tal-Prosekuzzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 198 tal-atti.

Rat dak, ukoll, verbalizzat a fol 207 ibid minn fejn jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kelliex aktar provi.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx l-imsemmija oggezzjoni (fol 208 ibid).

Rat l-atti kollha.

Semghet lill-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi fil-21 ta' Jannar 1995, <u>l-Ufficjal Prosekutur</u> (fol 35 et seq ibid) kien gien nfurmat tramite PS 359 Carmelo Abdilla illi certu Lawrence ossija Lorry Farrugia, negozjant tax-xorb miz-Zejtun, kien irraporta li "xi hadd" kien xtara minn ghandu xi xorb, bil-hlas jigi effettwat permezz ta' cheque, li, pero' kien gie 'referred to drawer' mill-Bank involut. Fuq l-istess 'cheque' oltre l-import tieghu, kien hemm imnizzel numru ta' telefon cellulari (0993866) u meta l-istess surgent kien cempel fuq dan in-numru, kien qal lill-persuna li rrispondiet sabiex tigi fl-ghassa tal-Pulizija. Difatti hekk gara' u kien gie l-akkuzat Charlot Gauci meta kien hemm prezenti l-istess Lorry Farrugia. Filfatt dawn jidhru li ftehmu dwar il-hlas tal-ammont specifikat fl-istess 'cheque' izda ftit wara aktarx "ma ntlahaqx kompromess bejniethom". Sussegwentment gie interrogat dan l-akkuzat u ammetta mieghu li kien ghamel rapport lill-Pulizija fl-ghassa ta' Hal Qormi dwar serq tat-telefon cellulari tieghu u ta' "cheque book". Inoltre ammetta ukoll, li hu, flimkien ma tnejn ohra, kienu qed jixtru oggetti bl-uzu ta' dan ic-'cheque book'. Inoltre kemm dan it-telefon (ezebit in atti bhala <u>Dok AB3</u>), kemm l-istess 'cheque book' kienu, effettivament, ghadhom fil-pussess tieghu u ghalhekk ma kienux gew misruqa. Dwar ic-'cheque' li kien inhareg favur Lorry Farrugia u li kien inghata lura lil dan meta kien intlahaq l-imsemmi "ftehim", Charlot Gauci kien qal lill-Ufficjal Prosekutur li kien tqatta minnu stess u effettivament kien ingabar minn xi triq f'Hal Qormi u jinsab ezebit a fol 48 ibid. Waqt ix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur kien ezebixxa ukoll l-imsemmi "cheque book" (ara fol 49 ibid) li jgib in-numru, bhala kont, <u>11503934025</u>. Difatti mill-ahhar 'stub' fl-istess 'cheque book' jidher li c-'cheque' favur Lorry Farrugia kellu d-data tal-21 ta' Jannar 1995 bin-numru 000026. In rigward l-istess akkuzat, a fol 50 ibid tinsab l-istqarrija bil-miktub

rilaxxata minnu. Inoltre kien ghamel kuntatt mal-fergha tal-Bank involut u gie infurmat illi Charlot Gauci kien irraporta bhala nieqes u misruq l-istess ‘cheque book’. Inoltre kien hemm numru ta’ ‘cheques’ ohrajn, mahrugin fuq l-istess kont kurrenti, li kienu gew ‘referred to drawer’ ukoll minhabba ir-rapport ta’ serq li kien sar mill-akkuzat. Ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur kien baghat ghall-persuni kollha li favur taghhom kienu nhargu dawn ic-‘cheques’ liema persuni kienu sidien jew ‘salesmen’ ta’ stabbilimenti differenti u dawn ikkonfermaw illi “persuni” kienu xtraw oggetti mill-istabilimenti ndikati bil-hlas jsir permezz ta’ ‘cheques’ li ma gewx onorati. Sadattant kien sar jaf li kien hemm investgazzjoni parallela li kienet qed tinzamm mill-Ispettur Tarcisio Pulis dwar ‘cheque’ iehor mhux onerat u minn dan jidher li kienu nvoluti ukoll, iz-zewg akkuzati l-ohrajn. Fl-ahhar nett, ix-xhud oltre li ezebixxa tlett stqarrijiet ohra rilaxxati mill-akkuzati lill-Ispettur Tarcisio Pulis (ara fol 51 sa fol 53 ibid) semma’ illi t-tlett akkuzati kienu ppruvaw jirrisacixxu lill-vittmi “pero sallum ghadhom ma hallsux kollox” (Dwar il-premess, ara ukoll x-xhieda ta’ <u>PS 359 Carmelo Abdilla a fol 54 et seq ibid</u> li ezebixxa r-rapport relattiv a fol 61 ibid). Dwar ir-<u>rapport</u> li kien sar minn Charlot Gauci in konnessjoni mal-allegata “serqa” tax-‘cheque book’ u telefon cellulari msemmi, xehed <u>PC 779 Gaetano Bugeja</u> (fol 65 et seq ibid) li gharaf lill-akkuzat bhala il-persuna li ghamlet l-istess rapport dwar dawn l-oggetti “misruqin” mill-vettura tieghu, allegatament fid-29 ta’ Dicembru 1994 (ara d-dokument a fol 58 ibid).

Illi in konnessjoni mal-istess ‘cheque book’ u l-kont relattiv, gie prodott l-‘assistent manager’ tal-fergha tal-Bank involut f’Hal Qormi, <u>Pierre Farrugia</u> (fol 69 et seq ibid). Ix-xhud ikkonferma illi fit-28 ta’ Dicembru 1994, l-Bank kien gie informat mill-istess Charlot Gauci li dan ix-‘cheque book’ kien insteraq jew intilef u ghalhekk kien talab ‘stop payment’ fuq ‘cheques’ mahrugin (ara l-anness dokument a fol 74 minn fejn jidher li dan l-‘stop payment’ kien jirreferi ghac-‘cheques’ numri 000012 sa 000100 kif ukoll ix-xhieda ta’ <u>Bernardette Mansueto</u> a fol 129 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hawnhekk il-Prosekuzzjoni pproduciet diversi persuni li favur taghhom kienu mahrugin l-istess ‘cheques’. Dawn huma:-

(a) Emanuel Attard (fol 76 et seq ibid) semma li fis-27 ta’ DIcembru 1994 kien jinsab go stabbiliment bl-isem “Kand L. Attard Co. Ltd.” Immexxi minn huh, Carmel u iben dan, Keith. F’din id-data, x-xhud biegh lil “ragel”, b’iehor jistennieh barra, kwantita ta’ sigaretti bil-prezz ta’ Lm294, liema prezz thallas permez ta’ ‘cheque’ (ara fol 82 ibid) li pero sussegwentement kien gie ‘cheque countermanded’. Dwar l-istess “ragel” jigi rilevat li dan gharfu bhala l-akkuzat Alan Desira. Inoltre kien dan l-akkuzat li ffirma dan ic-cheque kif ukoll li kiteb in-numru ta’ karta tal-identita u ta’ telefon fuq in-naha ta’ wara tieghu.

(b) Maria Dolores White (fol 84 et seq ibid) impjegata ma’ ditta b’hanut f’Bormla spjegat li fl-10 ta’ Jannar 1995 kienu gew “zewg zaghzagh” li xtraw zewg ‘mixers’ bil-prezz ta’ LM336. In rigward il-pagament, hi mliet ‘cheque’ li kellu d-data u l-firma gja “lesti” waqt li wiehed miz-zaghzagh kiteb in-numru tal-karta tal-identita fuq wara tal-istess “cheque” kif ukoll iehor ta’ telefon. Dan ic-‘cheque’, ezebit a fol 90 ibid, kien ittiehed il-Bank izda “…hija….gie infurmat li …kien misruq”. Dawn iz-zaghzagh “li gharfithom bhala l-akkuzati Alan Desira u Michael Saliba (ara ukoll ix-xhieda ta’ PS 336 Antoine Schembri a fol 155 ibid).

(c) Anthony Buttigieg (fol 91 et seq ibid) li jiggestixxi hanut tat-tabakk, xehed li fis-16 ta’ Jannar 1995 kien dahal “ragel” fl-istess hanut, liema “ragel” kien l-akkuzat Michael Saliba u dan akkwista sigaretti bil-prezz ta’ LM230.18, wara li kien informa lix-xhud li kien ser jiftah hanut “take away”. Bhala hlas, dan sar permezz ta’ ‘cheque’ datat it-12 ta’ Jannar 1995 li gie ffirmat quddiem ix-xhud minn dan l-akkuzat (ara d-dokument a fol 96 ibid). Anke f’dan il-kaz ic-‘cheque’ ma giex onorat.

(d) Anthony Tabone (fol 97 et seq ibid) li ghandu hanut tat-tabakk fil-Hamrun, xehed illi l-akkuzat Charlot Gauci, wara l-Milied, xtara sigaretti bil-prezz ta’ Lm193.60, wara li

qal lix-xhud li kellu hanut f'Birkirkara. Dwar il-prezz, dan thallas b'cheque' datat it-30 ta' Dicembru 1994 li mtela minn dan l-akkuzat hlief "in rigward ammonti f'ittri u ismu". Inoltre l-akkuzat kien kiteb fuq wara tieghu, numru ta' telefon u ta' karta tal-identita (ara fol 104 ibid). Anke f'dan il-kaz, ic-'cheque' ma ssarrafx pero sussegwentement l-istess akkuzat kien hallas l-ammont kollu fi flus kontanti.

(e) Carlo Cuomo impjegat ma' ditta li tbiegh surgelati (fol 102 et seq ibid) spjega li fil-5 ta' Jannar 1995, kienu gew "zewgt irgiel" li "…ma tantx rajthom" u li ghamlu ordni mieghu. Dwar dan il-kaz, gie prodott, ukoll, il-kaxxier, Carlo Zammit (fol 105 et seq ibid) li rrakkonta dwar "tnejn minn nies" li gew ghandu sabiex jhallsu l-prezz ta' laham mixtri ammontanti ghal Lm339 u dan permezz ta' 'cheque' (ara fol 109 ibid) li ma giex msarraf. Dan ix-xhud, ukoll, ma gharafx dawn in-nies bhala prezenti fl-awla.

(f) Lawrence Farrugia (fol 110 et seq ibid) li jiggestixxi hanut tax-xorb alcoholiku u spjega kif "wiehed b'wiccu mhaffer bil-ponot", "probabilmet" l-akkuzat Michael Saliba, wara li qallu li kien ser jizzewweg ftit wara, kien xtara b'madwar Lm200 valur ta' dan ix-xorb u wara certa riluttanza, accetta 'cheque' b'numru ta' telefon cellulari miktub fuqu. Inoltre x-xhud kien ra l-karozza li kien qed juza ir-ragel imsemmi, liema karozza, tal-kiri kellha numru ta' registrazzjoni X2417. Ftit wara, l-Bank involut kien informah li c-'cheque' (ezebit in atti bhala Dok AB1) in kwistjoni kien misruq. Inoltre kien cempel fuq in-numru ta' cellulari miktub fuq l-istess 'cheque' u minn wiegeb kien qallu li mien insteraq ic-'cheque' ossija 'cheque book' relattiv. Sussegwentement kien ltaqa ma dan tal-ahhar, fl-ghassa taz-Zejtun u li kellu kunjomu Gauci u jixbah lill-akkuzat Charlot Gauci. Eventwalment, dan kien hallas lura Lm 140.

(g) David Galea (fol 157 et seq ibid) impjegat mad-ditta 'Forestals' bhala 'salesman' gharaf "jekk niftakar sew" lill-akkuzat Michael Saliba bhala dak li xtara zewg "C.D. players" u sistema ta' "HI.FI." bil-prezz ta' Lm 410 imhallas ukoll permez ta' 'cheque' numru 00024 bid-data tal-17 ta' Jannar 1995 liema 'cheque' "wara xi granet….gie lura mill-

bank” (ara fol 161 u fol 162 ibid). fuq l-istess ‘cheque’ ezebit in fotokopja fuq wara jidhru miktubin numru ta’ cellulari 0997702, ta’ telefon 493835 u ta’ karta tal-identita 430168.

(h) Mario Difesa (fol 191), li jiggestixxi hanut tal-muzika, kien biegh, permezz tal-lavrant tieghu, numru ta’ ‘compact discs’ bil-prezz ta’ Lm180, mhallas permezz ta’ ‘cheque’ li fuqu kien hemm imnizzel numru ta’ telefon. Meta kien cempel fuq dan in-numru, wiegbu “xi hadd minn Bormla” li qallu li ma kien xtara xejn minn ghandu. Ghalhekk hu kien ghamel kuntatt mal-persuna li kellha isimha mnizzel fuq l-istess ‘cheque’ cjoe l-akkuzat Charlot Gauci u wara li dan kien hallsu l-ammont kollu involut kien tah l-istess ‘cheque’ lura fi flus kontanti.

(i) Karl Gialanze (fol 193 et seq ibid), impjegat bhala ‘accountant’ mad-ditta “Victor Petroni” u dan xehed dwar ‘cheque’ mahrug favur l-istess ditta ghall-ammont ta’ Lm 270 u li gie ‘referred to drawer’ (ara ukoll fol 202 u fol 203 sa 205 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, dwar dawk il-persuni kollha li xehdu u li huma l-allegati vittmi f’dan il-kaz, saru diversi verbali li dawn ser jigu rizarciti kollha kemm huma (ara fol 217, fol 219, fol 220, fol 223, fol 232 u fol 235 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, l-akkuzati ma ssottomettew ebda prova da parti taghhom u allura hawnhekk jkun opportun li jigu analizzati l-istqarrijiet rilaxxati minnhom lill-Pulizija u li huma annessi a fol 50 et seq ibid. Dawn l-istqarrijiet gew konsiderati u analizzati a bazi tal-artikolu 658 u 661 tal-Kodici Kriminali.

(a) Minn dawk rilaxxati minn Charlot Gauci (fol 50 u fol 51 ibid) minn fejn jirrizulta illi hu kien stqarr, wara li ta’ versjoni differenti, illi c-‘cheque book’ u c-cellulari rappurtati minnu lil Pulizija bhala misruqin kienu filfatt ghadhom ghandu u effettivament kien qed jaghti ‘cheque’ lil terza persuna sabiex jmur jixtri affarijiet bl-istess

'cheque'. Wara li l-istess oggetti kienu jinxtraw, dawn kienu jinbieghu u "…imbaghad igibli l-flus".

(b) Dwar Alan Desira (ara fol 52) dan, ukoll, stqarr li flimkien ma persuna ohra kien akkwista oggetti minn diversi hwienet bil-hlas isir b'diversi 'cheques' b'wiehed minn dawn iffirmat minnhom. Inoltre, waqt l-investgazzjonijiet, kien di gja, hallas sehmu sabiex jigu kompensati l-partijiet lesi. L-oggetti kollha hekk akkwistati kienu mbieghu kollha b'sehmu mir-rikavat ammontanti ghal madwar Lm300/Lm400.

(c) In rigward Michael Saliba (fol 53) dan ukoll stqarr, fis-sustanza, dak rizultanti mill-istqarrija rilaxxata minn Alan Desira.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti illi l-akkuzati flimkien ikkommettew id-delitt ta' truffa, kif deskritt fl-artikolu 308 tal-Kodic Kriminali kif ukoll id-delitt minnu kontemplat fl-artikolu 309 ibid konsistenti fi frodi innominata, u dan billi permezz tal-uzu ta' 'cheques' li fuqhom kien hemm di gja 'stop payment', kif rizultanti mill-provi, akkwistaw u sussegwentement, bieghu l-oggetti kollha hawn fuq imsemmija u b'hekk sar qliegh ghad-dannu ta' terzi persuni permezz ta' "nuse-en-scene" kif ukoll deskritti. Inoltre jidher evidenti ukoll illi l-akkuzat Charlot Gauci ghamel rapport falz lill-Pulizja dwar is-serqa tac-'cheque book' u telefon cellulari, hawn fuq imsemmija, liema rapport intuza bhala mezz sabiex jigi kommess id-delitt ta' truffa kif ampjament spjegat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib

(1) lill-akkuzati kollha hatja talli f'dawn il-Gzejjer matur ix-xahar ta' Dicembru 1994 u Jannar 1995, b'diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b'risoluzzjoni wahda, u dan billi f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor jew ta' krediti

immaginarji, ghamlu qliegh ta' soma ta' flus li jammontaw ghal aktar minn Lm2,000 bi hsara ta' diversi persuni u talli f'dawn il-Gzejjer u fl-istess zminijiet meta ma kienux ufficjali pubblici ghamlu falsifikazzjoni ta' dokumenti jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati u dan skond l-artikoli 18, 308, 309, 210, 183, 189 tal-Kodici Kriminali u

(2) lill-akkuzat Charlot (Carmel) Gauci wahdu talli f'Hal Qormi fid-9 ta' Jannar 1995 iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan skond tal-artikolu 110(2) tal-istess Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, wara li kkonsiderta il-fedina penali tal-akkuzati minn fejn jidher li
a) Charlot Gauci u Michael Saliba kellhom wahda nadifa u netta sa dan il-kaz,
b) Waqt li Alan Desira kien instab hati biss ta' reati konnessi ma ksur ta' regolamenti tat-traffiku,
c) Inoltre jidher mill-atti illi l-partijiet lesi gew, effettivament, risarciti ghal kull dannu li huma soffrew,
l-Qorti tara li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta invista li l-akkuzati ghandhom jigu konsiderati bhala 'first offenders' ghal kull effett u fini fil-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li l-akkuzati kollha jigu liberati bil-kondizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien sena millum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------